MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 204/2012

**A B**

**vs**

**C B; l-Avukat Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Victor B b'digriet tad-9 ta' Jannar 2013 gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri D B, u Direttur tar-Registru Pubbliku u permezz ta' digriet moghti fil-25 ta' Lulju 2013 E F gie kjamat fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-attur u l-konvenuta huma konjugi u miz-zwieg taghhom twieldet il-minuri Nicole B fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000).

2. Illi l-konjugi B huma mifrudin de facto, u ilhom hekk mifrudin sa minn Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

3. Illi b'konsegwenza ta' relazzjoni adultera, l-konvenuta C B welldet lill-minuri D B fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju 2012.

4. Illi l-attur jidher bhala missier il-minuri D B fuq l-att tat-twelid taghha, u dan minkejja l-fatt li huwa mhux il-missier naturali ta' l-istess minuri.

5. Illi ghalhekk l-attur ghandu kull interess li jressaq din l-istanza sabiex l-att tat-twelid tal-rninuri D B jigi korrett billi minnu titnehha kull referenza ghall-attur bhala missier it-tarbija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha premessi, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddeciedi u tiddikjara li l-attur m'huwiex il-rnissier naturali tal-minuri D B;

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-att tat-twelid tal-minuri D B, liema art ghandu n-numru 3271/2012, kull referenza ghall-attur, senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, ir-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-attur u jekk l-istess missier ta' l-attur huwiex haj jew mejjet, l-eta' ta' l-attur u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-attur u li jidher mill-att tat-twelid citat,

u dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilha jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

B’digriet tal-24 ta’ Ottubru 2013 giet mizjuda s-segwenti premessa:

“6. Illi ghandu jirrizulta skont il-konvenuta illi l-missier naturali tal-minuri huwa E F;”

Bl-istess digriet giet mizjuda t-tielet talba attrici li taqra kif gej:

"3. Tiddikjara lill-kjamat in kawza E F huwa l-missier naturali tal-minuri u konsegwentement tordna l-konnotati tieghu tieghu jigu inseriti fic-certifikat tal-minuri".

Rat in-nota tal-konvenuta C B li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha s-sottometta s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament trattasi minn kawia ta' denegata paternita r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa tal-inqas wanda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti. Madankollu attiz in-natura partikolari ta' din l-azzjoni odjerna l-esponenti jhoss opportun li huwa fl-ahjar interess tal-minuri D B, li din l-Onorabbli Qorti tuza' s-setgha taghha taht l-Artikolu 770 billi tistieden lill-partijiet involuti f'dawn il-proceduri sabiex joqghodu ghall-ezamijiet u l-analizi mehtiega biex tigi stabbilita' kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz;

3. Illi subordinatament f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 3271/2012;

4. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu bis-sahha tal-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kjamat in kawza lil E F.

Rat in-nota tal-kjamat in kawza tas-17 ta' Jannar 2014 li permezz taghha iddikjara li jaqbel li huwa l-missier naturali tal-minuri D B.

Rat li b'digriet tas-6 ta' Frar 2014 innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci t-testijiet tad-DNA fuq il-konvenuta B, fuq il-kjamat in kawza u fuq il-minuri.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni**.

In vista tal-fatt li l-Qorti kjamat in kawza lil missier prezunt kif ukoll awtorizzat iz-zieda tat-tielet talba attrici, il-kawza odjerna effettivament tikkonsisti f'zewg kawzi, kawza ta' denegata paternita' u kawza ta' dikjarazzjoni ta' paternita'.

**Ligi**.

Il-provvediment legali li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna huwa

**Artikolu 73 tal-Kodici Civili** jipprovdi illi meta ragel mizzewweg irid jichad wild imwieled minn martu, dan ghandu jipprocedi b'kawza kontra martu u kontra l-istess wild.

**Artikolu 77A tal-Kapitolu 16** :

*"kull min jghid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiz-zwieg, jew il-werrieta tieghu, jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista jmexxi b'rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-mara, ir-ragel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi taghhom jekk xi hadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm–il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista; wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel taghha bhala l-missier naturali tat-tifel."*

**Artikolu 77B j**ipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

**Artikolu 77C tal-Kapitolu 16**:-

*"F'kazijiet ta' dikjarazzjoni ta' paternita' il-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg, jew il mara skont il-kaz, jistghu jipproocedu b'kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita jekk huma jressqu r-rikors guramentat taghhom fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:*

*Izda l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tista' wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara lt tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull zmien tawtorizza lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew lill-mara biex jibdew kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B"*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Ghalkemm din il-kawza giet inizjalment istitwita bhala kawza ta' denegata paternita' fir-rigward ta' minuri imwieled matul iz-zwieg tal-attur mal-konvenuta C B, fil-kors tal-kawza il-Qorti ordnat il-kjamat in kawza tal-prezunt missier naturali tal-minuri bl-iskop li l-interessi tal-minuri jigu salvagwardjati u ma jispiccax bic-certifikat tat-twelid jghid li missierha ma hux maghruf. Dan sar ukoll ghall-ekonomija tal-gudizzju u a skans ta' spejjez doppji.

Sew il-konvenuta B kif ukoll il-kjamat in kawza F iddikjaraw li jaqblu illi l-minuri D B hija binthom u mhux bint l-attur. Tali dikjarazzjoni wahedha ma hiex bizzejjed sabiex il-Qorti tiddikjara illi l-minuri ma hiex bint l-attur izda bint il-kjamat in kawza. Una volta qed tintalab dikjarazzjoni gudizzjarja jehtieg li tingieb l-ahjar prova u ghalhekk b'digriet tas-6 ta' Frar 2014 il-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci testijiet xjentifici ghall-finijiet tad-DNA fuq il-persuni tal-omm, tal-prezunt missier u tat-tarbija.

Skond DNA Paternity Test Report redatt minn Dr Marisa Cassar u kkonfermat permezz ta' affidavit li gie pprezentat fl-14 ta' April 2014, gie certifikat li l-kjamat in kawza E F hu l-missier naturali ta' D B.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur , tilqa' t-talbiet attrici:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur A B ma hux il-missier bijologiku ta' D B imwielda fit-28 ta' Gunju 2012.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkancella mill-Att tat-Twelid tal-imsemmija D B isem l-attur u l-konnotati kollha tieghu. Mill-istess att ghandhom jigu kancellati l-kliem "the said" li jinstabu fil-konnotati tal-omm.

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li l-missier bijologiku ta' D B huwa l-kjamat in kawza E F.

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid ta' D B jitnizzel isem il-kjamat in kawza E F, imwieled fis-6 ta' April 1987, bhala l-missier u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw fin-nota li tinsab a fol. 60 tal-process.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-perizja maghmula minn Dr Marisa Cassar, a karigu tal-konvenuta C B u tal-kjamat in kawza E F, in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------